**Parlament taż-Żgħażagħ 2016**




# Flimkien niġbdu ħabel wieħed!

# Kelmtejn qabel

Bħala partit tal-Faqar Ġustizzija Soċjali (F.Ġ.S) qed inressqu quddiem il-Parlament taż-Żgħażagħ proposti li wasalna għalihom minn tiftix li għamilna flimkien ma *survey* li sar minn fost mitejn u tmien parteċipant/a. Nafu li l-faqar ma twelidx ilbieraħ u dan il-Parlament taż-Żgħażagħ, snin ilu, kien diga ressaq xi proposti rigward il-faqar f'pajjiżna b'isem tal-Partit Kunxjenza Soċjali li jien kont parti minnu. F'dan id-dokument se nitkellmu kif nistgħu b'xi mod insolvu l-problema tal-faqar u nġibu aktar għarfien fuq gustizzja soċjali f'pajjizna. Insemmi tliet persunaġġi kbar fl-istorja; Frederick Douglas, Nelson Mandela u Madre Tereza. Din tal-aħħar hadmet fil-qrib mal-faqar u missitu b'idejha, (tant hu hekk li fl-4 ta' Settembru se issir qaddisa). Kif qal politiku Amerikan, Bernie Senders:, "Ebda persuna li taħdem iktar minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa m' għandha tgħix fil-faqar." Għalhekk inħeġġiġkom li tisimgħu xi preamboli u proposti li se nressqu f'dan id-dokument.













| | | |
|---|---|---|
| John Marmara' | Matthew Seychell | Martha Maria Falzon |
| (Coordinator) | (Vici-coordinator) | (Secretary) |

# Preamboli

## 1. Familja

1.1 Is-Sondaġġ dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għixien li sar fl-2013 wera li 9.5% tal-persuni bdew jgħixu fi djar u familji b'nuqqasijiet materjali.

1.2 Ir-rizultati tal-istess sondaġġ juru wkoll li 24% tat-tfal taħt it-18-il sena kienu fir-riskju tal-faqar. Minnhom, dawk li l-aktar kienu f'riskju, b'figura ta' 72.6%, kienu dawk li kienu ġejjin minn familji b'intensità baxxa ta' xogħol. Min-naħa l-oħra, ir-rata ta' tfal fir-riskju ta' faqar li ġejjin minn familji ta' ħames jew aktar persuni kienet dik ta' 28.5%, filwaqt li 45.9% kienu tfal jgħixu ma' ġenitur wieħed. (households, familji li qed irabbu).

1.3 Intant, 14.9% tal-persuni b'età ogħla minn 65 sena kienu fir-riskju tal-faqar. (anzjani)

1.4 Skont informazzjoni li nġabret mill-familji, 16.7% tat-tfal kienu qed jgħixu fi djar li ma jifilħux iħallsu għal ikla b'laħam, tiġieġ, ħut, jew l-ekwivalent veġitarjan tagħhom jum iva u jum le. Il-figura għall-persuni 'l fuq minn 65 sena kienet10.7%.

1.5 Indikatur ieħor kien l-abilita li d-dar tinżamm sħuna fix-xitwa - fejn 22.9% tat-tfal u 23.5% tal-anzjani kienu qed jgħixu f'dar fejn ma jifilħux iħallsu għal dan.

1.6 Is-sondaġġ wera wkoll li 11.8% tal-persuni taħt it-18-il sena kienu severament nieqsa materjalment - bil-figura għall-persuni 'l fuq minn 65 sena tkun ta' 7.1%.

1.7 Ħafna nisa romol kienu jispiccaw jieħdu beneficcji socjali wara 5-6 gimgħat wara l-mewt ta zwieghom. Ricentament din il-problema giet indirizzata għax tnaqqset konsiderevolment l-istennija għall-ħruġ ta’ dan il-benefiċċju.. Meta xi ħadd jisfa armel/a il-bank qiegħed iwaqqaf il-kont temporanju fejn din qed toħloq inkonvinjenza fuq l-armel/a  jekk ikun l-uniku kont.

1.8 Il-President ta' Malta, issa Marie-Louise Coleiro Preca, tenniet l-appell tagħha li d-drittijiet tal-bniedem jitgawdew minn kulħadd,  mhux biss mill-ftit, u saħqet li l-faqar mhux xi ħaġa li jagħżel il-bniedem imma li tiġi fuqu minħabba ħafna ċirkostanzi. Appellat ukoll għal *bail-out* imma wkoll taħriġ biex persuni li mtlew bid-dejn jiġu megħjuna finanzjarjament, kif ukoll jiġu mgħallma biex isiru responsabbli.

1.9 Nipproponu li sabiex jitnaqqas b' mod drastiku u saħansitra jiġi abolit il-faqar, il-Gvern għandu jaħdem dejjem iktar ma għaqdiet volontarji li jaħdmu kontra il-faqar filwaqt li jieħu l-irwol li jipprovdi, skont iċ-ċirkunstanza, impjieg lil min ikun fi stat ta faqar, minbarra li jħares li jipprovdi il-bżonnijiet bażiċi ta'persuna, li tkun qegħda fi stat ta faqar.

## 2. Edukazzjoni

2.1 Mhux kull persuna li tispicca l-edukazzjoni obbligatorja, tkun kapaċi toħroġ b'edukazzjoni tajba. Xi wħud minnhom lanqas ikunu kapaċi jiktbu u jaqraw sew.

2.2 Ħafna studenti li jkollhom familja fir-riskju tal-faqar qed jispiċċaw imorru lura fl-edukazzjoni tagħhom u dan qed iwassal għal aktar faqar fil-familji.

2.3 L-edukazzjoni hija waħda minn għadd ta' soluzzjonijiet biex il-bniedem jirnexxielu joħrog mill-faqar.

2.4 Jezistu diversi oqsma edukattivi li jgħinu lill-individwu biex ikompli jistudja wara l-edukazzjoni sekondarja. Ta' min isemmi l-MCAST li toffri korsijiet anki ghal min m'ghandux l-ezamijiet taċ-ĊES (*O'Levels)* u l-Life Long Learning ukoll. Dawn huma biss uħud mill-istituzzjonijiet post-sekondarji fejn bniedem jista' jkompli jimraħ fil-istudji akkademiċi/vokazzjonali tiegħu jew tagħha.

2.5 Minkejja li fl-edukazzjoni l-Gvern jgħin lill-studenti bi stipendji u 'smart card' imma dan iseħħ sa certu livell. Imbaghad meta tasal sa Masters 'il fuq ikollu jħallas l-individwu. Għalkemm, aħna nirrikonoxxu u nfaħħru l-inizjattiva tal-gvernijiet li minn żmien għal żmien, anki permezz ta' fondi Ewropej, jipprovdu lill-iskulari tagħna b'opportunitajiet għal boroż ta' studju.

2.6 Hemm bżonn li aktar tfal Maltin ikollhom iċ-ċans jitħalltu ma' studenti oħra u jsiru jafu kulturi differenti ta' pajjiżi oħra sabiex jikbru fid-diversita' u jiżviluppaw bħala persuni sħaħ.

## 3. Xoghol

3.1 Malta għandha l-anqas rata ta'qgħad fl-Unjoni Ewropeja b'4%. Dan jidher minn l-Ewrostat.

3.2 Ix-xogħol huwa dritt u dmir ta' kull bniedem. Dan għandu jitħallas b'mod illi l-bniedem ikun jista' jgħix kif jixraq, kemm hu kif ukoll dawk li jiddependu minnu. Sempliċi ftehim personali bejn il-ħaddiem u min iħaddem dwar l-ammont ta' paga li tingħata mhux biżżejjed biex il-paga titqies bħala paga ġusta.

3.3 Il-paga ġusta hija frott leġittimu tax-xogħol u m'għandhiex tkun taħt il-livell tal-għajxien deċenti tal-ħaddiem u l-familja tiegħu. Madanakollu, nifhmu wkoll li bħalma l-ħaddiem għandu *dritt* li jitlob u jkollu paga kompatibbli mat-tip u l-ammont ta' xogħol li għandu, hekk ukoll huwa fid-*dmir* li jaħdem u jirrispetta dak is-salarju mitlub. Iżda fl-ebda ħin m'aħna qatt favur l-isfruttament u l-abbuż ta' min irid jibni l-fortuna tiegħu u jgħajjex in-negozju tiegħu minn fuq dahar il-vulnerabbli.

3.4 L-Istat għandu r-responsabbiltà li jiżgura li kull ċittadin jilħaq livell deċenti tal-għajxien billi d-dħul finanzjarju jkopri għallinqas is-servizzi u l-ħtiġijiet essenzjali kollha tal-ħajja.

3.5 Ninsistu biex ix-xogħol prekarju jitwaqqaf. Nafu li għad baqa certi ħaddiema li qed jagħmlu l-istess xogħol jew jaħdmu ma' certi kumpaniji b'pagi inqas minn €5 fis-siegħa jew ma jitħallsux indaqs.

3.6 Skont l-artiklu tal-Caritas, l-Arċisqof ta' Malta Charles J Scicluna qal li fost oħrajn ġenitur waħdu jrid €766 fix-xahar biex ilaħħaq mal-ispejjeż u jgħix ħajja diċenti. Dan l-ammont huwa kważi €100 aktar mill-paga minima.

## 4. Saħħa

4.1 Ħafna drabi, ċertu mard kapaci jgib il-faqar. Hemm nies li filli ma kellhom xejn, kienu għaddejjin ħajja komda u normali, u f'daqqa waħda marrdu u spiccaw daħlu fix-xibka tal-faqar. Xiri ta' mediċini li ma jingħatawx mill-ispiżeriji tal-gvern; viżti għand tobba u speċjalisti; f'każijiet estremi fejn ma teżistix kura lokalment, spejjeż marbutin ma' safar u akkomodazzjoni u l-lista tkompli.

4.2 Il-kartuna r-roza li tgħin lil certi nies li jieħdu medicina b 'xejn, qed tigi imgedda kull 4 xhur. Kull min hu elegibbli qed jispicca jmur igeddidha 3 darbiet f'sena. Dan iwassal ghal aktar queue bla bżonn.

## 5. Diżabilita' u nies bi ħtiġijiet differenti

5.1 Id-dizabilita hija sitwazzjoni li l-persuna ma jagħzilx imma tigi fuqu. Din tista tkun mit-twelid jew inkella tinħoloq b'inċident jew marda. Kawżi ta' diżabbilta insibu dik li soċjali fejn din tkun ikawwzata mis-soċjeta fejn ikun hemm nuqqasijiet li ma jħallux il-persuna tkun indipendenti jew attitudnijiet li jilimitaw il-persuna milli tkun hi. (Nuqqas ta' aċċessibilita' ). Il-mudell mediku huwa fejn il-persuna ikollha limitajiet fejn ikun hemm bżonn ta' mediċina jew interventi mediċi.

5.2 Wieħed ma jistax jara d-dizabilita taħt kappa waħda għax kull dizabilita taffettwa individwi b'mod differenti u kull individwu jadatta għaliha b'modi differenti. Irridu naħdmu biex ikun hawn aktar għarfien u kuxjenza dwar id-dizabilitajiet differenti, kemm dawk li huma vizibbli u oħrajn li ma jidhrux imma li xorta jħallu l-effetti fuq il-persuni u s-socjeta ingenerali.

5.3 L-għarfien waħdu mhuwiex biżżejjed, huwa biss ras il-piramida. Irridu naraw lill-individwi bil-karatteristici tagħhom u nadattaw għalihom. Dan nistgħu nagħmluh billi minflok niffukaw fuq il-kundizzjonijiet/restrizzjonijiet tal-persuna, niffukaw ħidmietna fuq l-abilitajiet tagħha. F'Malta f'dawn l-aħħar snin saru passi importanti 'l quddiem f'dan il-qasam. Jeżistu għaqdiet governattivi u oħrajn privati, ta' volontarjat, mhux-governattivi biex jgħinu.

5.4 Il-Polza nazzjonali għal drittijiet tal-persuni b'dizabilita tagħti drittijiet li jistħoqqilhom lil persuni b'dizabilita fosthom dak tal-privatezza.

5.5 Huwa ferm importanti li l-kodici tal-prattika jigu riveduti minn zmien għal zmien, mill-ogħla sal-inqas grad fis-settur. Naqblu ferm ma' taħrig kontinwu li jingħata lill-impjegati.

5.6 Naqblu li persuni b'dizabilita għandhom dritt ghal edukazzjoni xierqa min nies imharrga professjonalment.

5.7 Pesuni b'dizabilita m'għandhomx jitwarrbu min nies oħra għalhekk naqblu mal-inkluzjoni fl-iskejjel (politika li ma tkunx tal-isem imma waħda prattikata u mgħixa fost l-edukaturi, il-professjonisti mħaddmin fl-iskejjel, il-ġenituri u l-istudenti). Din l-inklużjoni ssejjaħ għal aċċessibbilta usa' f'postijiet tax-xogħol u tad-divertiment. (forms of accessibility)

5.8 Nies b' dizabilitajiet partikolari ikollhom bzonn apparat ta' assitenza biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja ndipendenti. Hawn diversi għaqdiet li jgħinu izda dan mhux dejjem ikun bizzejjed b'mod specjali meta l-familja tkun bi dħul baxx.

5.9 Il-Gvern qed joħrog b'opportunitajiet biex persuni b'dizabilita ikunu jistghu jsibu xogħol b'incentivi għal dawk li jħaddmu. Aħna filwaqt li nfaħħru dan il-ġest, nitolbu biex 'il quddiem min iħaddem jagħraf qabel l-inċentiv il-valur awtentiku tal-persuna li se jkun qed iħaddem.

## 6. Immigranti u Multikulturizmu

6.1 Kull sena jigu diversi immigranti gewwa pajjizna. Dawn ikunu nies li qed jaħarbu l-gwerer u gejjin minn pajjizi foqra. Bħala pajjiz, ghandna nippruvaw ngħinuhom mir-rizorsi kollha li għandna imma xi kultant mhux dejjem possibbli li nkunu nistghu ngħinuhom minħabba li aħna ngħixu fuq gżira. Ix-xiżma li hemm fuq dan is-suġġett, bejn nies li jriduhom u oħrajn li jridu ikeċċuhom, mhix qed tgħin fit-tqassim tal-enerġija u r-riżorsi f'dan ir-rigward. L-immigrazzjoni rregulari hija fenomenu ta' żminijietna u rridu naċċewtah bħala tali.

6.2 Peress li pajjizna sar multikulturali, ħafna refugjati jigu f'pajjizna mingħajr ma jkunu jafu r-regoli ta' pajjizna stess.

# 7. Liġi

7. 1 Sfortunatament illum il-ġurnata bosta riċėrka turi li l-faqar f'pajjizna qiegħed jiżdied. Jekk nagħtu ħarsa lejn riċėrka li saret minn 'Joint Employment Report' f'2013 juri biċ -ċà r li l-poverta' f'Malta qiedgħa tkompli tikber hekk kif irriżulta li Malta qegħda fit-tielet post fost dawk il-pajjiżi fejn hemm żieda ta' poverta.

7.2 Povertà hija meqjusa bħala stat fejn ikun qed ibati minn privazzjoni. B'hekk huwa importanti li aħna neżaminaw u naraw dak li huwa meqjuż bħala povertà, fosthom; in-nuqqas ta' ikel, akkomodazzjoni t'għejxin, edukazzjoni, saħħa kif ukoll il-livell ta' paga, b'hekk inkunu nistgħu naraw x'soluzzjonijiet hemm bzonn u naddattaw għal pajjiżna.

7.3 Madankollu, l-inġustizja soċjali narawha madwarna bosta drabi meta nħossu li hemm nuqqas ta' ugwaljanza, jew f'dan il-każ fejn ikun hemm liġijiet li qed imorru kontra liġijiet oħra jew li għandhom nuqqas ta' prinċipji.

7.4 F'din it-tema se nagħtu ħarsa lejn bosta soluzzjonijiet diversi, bl-għan li b'mezz ta' ligijiet inkomplu ninforzaw mezzi biex inaqqsu kemm il-faqar u kif ukoll l-inġustizja soċjali.

## 8.Survey

8.1 Bħala partit tal-faqar u gustizzja socjali, għamilna survey lil zgħazagħ tal-eta' ta' bejn is-16 u l-35 sena fejn staqsejnihom domandi relatati mal-faqar. Fi zmien gimgħa, irrispondewh madwar 208 zgħazugħ u zagħzugħa.

8.2 Staqsejna jekk il-faqar jezistix u 97.1% (202) qalulna li jezisti.Staqsejna jekk il-gvern hux qed jgħin lil familji li jgħixu fi faqar fejn 51.7% (107) qalu li iva filwaqt li 48.3% (101) qalulna li le.

8.3 Staqsejna ukoll jekk tfal li huma fostered humiex qed jghixu ħajja aħjar fejn 86.1% (171) qalulna li iva u 13.9% (29) qalulna li le.

8.4 Staqsejna ukoll dwar tfal li ta' 16-il sena joħorgu mingħajr edukazzjoni bazika, jekk hemmx xi għajnuna għalihom u qalulna li 70.7% (147) iva u li 29.3% (61) le.

8.5 Staqsejna ukoll dwar ix-xogħol prekarju, jekk għadux jezisti u qalulna li 88.9% (185) iva u li 11.1% (23) le.

8.6 Staqsejna ukoll dwar jekk taqbelx li għandu jkollna t-tieni pensjoni u qalulna li 82.7% (172) iva u li 17.3% (36) le.

8.7 Waqt is-survey irrizulta li hawn diversi tipi ta faqar. L-aktar li ssemmew huma: Faqar edukattiva, faqar li jitħallsu bi l-minimum wage, faqar socjali u anke finanzjarju, arrangamenti bzonnjuzi fi djar, mard, u anke familji li m għandhomx affarijiet bazici.

8.8 Fis-survey irrizulta wkoll li l-gvern għandu jkompli jgħin lil familji fil-bzonn billi jagħti aktar beneficcji lil min hu fil-bzonn.

8.9 Skont dan is-survey, qed jigu proposti li ma nagħtux il-ħuta lin-nies iżda nagħtu l-qasba. Dan ifisser li rridu nagħmlu ħilitna biex insaħħu l-edukazzjoni u mhux nagħtu kollox fuq platt tal-fidda. B'edukazzjoni nfissru mhux biss dik akkademika imma anki l-mentalità.

8.10 Skond is-survey, bħala partit qed nipproponu li għandna nippruvaw ngħinu lil refugjati billi naccettawhom fis-socjeta, nedukawhom  u noffrulhom post xieraq fejn jgħixu. Irridu nagħtu kas ukoll it-trawmi psikoloġiċi li jkunu ġejjin minnhom, irridu noffru kura ukoll għalihom qabel ma jiġu fi stat li jkollhom jiġu rikoverati fl-isptar.

8.11 Staqsejna ukoll kif il-politici jistghu jgħinu biex ma jkunx hawn faqar u jkollna gustizzja socjali. Ħargu diversi punti fosthom:

- Għandu jkun hemm screening aktar serju fuq min jieħu l-beneficcji socjali. Min verament għandu bzonnhom mhux qed igawdi minnhom.
- Iqassmu l-gid aħjar, joħolqu aktar xogħlijiet tajbin, jaraw li ma hemmx abbuzi specjalnent fuq postijiet tax-xogħol u ma togħlix ħafna l-ħajja – għalfejn il-politiku? L-imsieħba soċjali, l-industrija, in-nies tat-triq fejn huma? Ma jafux li għandhom jimxu fuq l-istess livell ma' kulħadd?
- Li jipruvaw jifmu lil nies li għandhom problemi ekonomiki billi jitkellmu maghhom personalment u jmorru fi djarhom biex jaraw il kundizzjonijiet li qeghdin jgħixu fihom
- tinjorawx li hawn il-faqar ghalkemm ma jiriflettix daqshekk sabiħ fuq il-klassi politika, jirifletti iktar ħazin meta tinjorawh u ma jsir xejn. Għatu kas nies li jifmu fuq is-suggett mhux mill-konsulenti politici biss
- (ħidma fil-komunita, empowerment)
- Li ikollna aktar xogħol u minn jixtieq ikompli jistudja pero ma jistax ħabba li m'ghandux flus biex jgħix il gvern jaghti għajnuna lil dawn in nies
- Irridu ngħinu lill-households iqumu fuq riġlejhom u jsiru interventi bikrin sabiex ċerti traits u patterns jitkissru anki jekk dan jeħtieġ li żona tiġi ppreferuta minn oħra. Prinċipalment irridu nimmiraw lejn it-tfal li huma l-iżjed popolazzjoni f'riskju ta' faqar. Aktar minn hekk irridu nsawwbu sa minn kmieni ċ-ċittadinanza attiva fost iż-żgħażagħ biex huma jkollhom sejħa fuq it-tmexxija u l-irwol ta' pajjiżhom fid-deċiżjoni. Irridu ngħallmu fis-sistema edukattiva l-imprenditorija sabiex b'hekk jitilgħu individwi ħabrieka u b'sens ta' inizjattiva. Il-faqar m'huwa qatt se jinqered għal kollox, għax kif rajna f'dawn l-aħħar żminijiet mexa

u ħa suriet oħra; madanakollu nistgħu nintervjenu u rridu nisimgħu mingħand dawk l-entitajiet u l-għaqdiet li jaħdmu fil-faqar kif l-aħjar li nimxu. Il-politika m'għandhiex tistrieħ waħdanija fuq il-mudell ekonomiku-ta'-profitt. Inħoss li s-Soċjal insejnieh ħafna. Ħsiebna biss x'jgħidu fuqna rivisti internazzjonali... Il-politiku għalhekk irid jara kif minn dal-ġid li qed jinħoloq fi żmienna se jsarrfu f'ħidma li minnha se jiekol u jgawdi min l-aktar jeħtieġ l-għajnuna. U dan jiġri mhux b'kemm naraw gwadann fil-voti, iżda b'rieda u kuxjenza safja li dak li qed nagħmlu qed isir mhux għas-saħħa tan-numri u l-voti imma għall-benessri tas-soċjetà u t-tajjeb komuni.

# Proposti

## 1. Familji

1.1 Bħala partit tal-Faqar u Ġustizja Soċjali (FGS) aħna qed inresqu xi proposti li ħargu tal-'Caritas Malta' li minkejja illi kien hawn titjib fil-benefiċċji soċjali u fl-għajnuniet lil xi kategoriji ta' familji, għadha tinħass il-ħtieġa urġenti illi:

- tiġi definita mill-ġdid linja ta' faqar nazzjonali aktar realistika billi tingħata definizzjoni aktar wiesgħa tal-faqar li tqis mhux biss id-dħul finanzjarju iżda kemm persuna għandha bżonn riżorsi biex tixtri l-oġġetti u s-servizzi essenzjali għall-familja tagħha;
- tiġi garantita protezzjoni legali, ekonomika, u soċjali lill-familji kollha;
- jingħata aċċess għall-akkomodazzjoni xierqa lill-familji f'qagħda ekonomika prekarja. Dan għandu jkun bi ħlas li jirrifletti l-qagħda ekonomika tal-familja.

1.2 Bħala partit tal-faqar u gustizzja socjali, nemmnu li l-gvern għandu jkompli jgħin kemm lil anzjani kif ukoll lil familji b rata baxxa. Nemmnu li l-paga minima nazzjonali għandha tizdiet.

1.3 Bħala partit, qed nipproponu li jkun hemm bżonn li noħorġu b'idejat ġodda bħal bank tal-ħin fejn nies b'ċertu ħiliet bażiċi bħall- bajjad, mastrudaxxa u oħrajn joffru l-ħinijiet b'xejn. Iżda wkoll nies ta' professjoni bħal tobba. Simili tal-kampanja nofri li saret fl-2015 fejn tista tkun iktar faċli milħuqa

1.4 Bħala partit, qed nipproponu li jkun hemm Iktar supervizjoni fuq il-ħaddiema, iktar rizorsi, jingħataw korsijiet għal-ħaddiema fuq suggetti bħal empatija, kif tipprotegi lilek innifsek, l-emozzjonijiet u jingħata sapport ingenerali għall-impjegati minħabba li n-natura tax-xogħol hija difficli

1.5 Bħala partit nipproponu li nippromwovu iktar is-servizz tal-fostering u kemm jista jkun naraw li t-tfal ikunu f'ambjent ta' familja. Min jieħu ħsieb lit-tfal anke f'istituti għandu jingħata t-taħriġ mehtieġ.

1.6 Bħala partit, qed nipproponu li l-'carers' m'għandhomx jilbsu uniformi minħabba li jafu jidhru aktar superjuri mit-tfal. It-tfal jafu ma jħossuhomx komdi madwarhom u għalhekk ma jitkellmux magħhom għax ma jħossuhomx fuq l-istess livell.

1.8 Bħala partit, qed nipproponu li nagħmlu aggornament tal-korsijiet kollha ezitenti u ninkoragixxu iktar esperjenza personali mat-tfal waqt il-korsijiet – best practices, imħaddmin lokalment ..mhux ġibt il-literature minn barra u ħa ddaħħalha kif inhi f'Malta..

1.9 Bhala partit, qed nipproponu li nagħtu aktar opportunitajiet ta Tagħlim relat ma' Ħiliet għal-ħajja. Jekk il-persuni li jmexxu djar isibu diffikultajiet ikun hemm persuni li lesti li joffru l-għajnuna u l-fondi ikunu parti mill-home u parti mill-gvern jew inħeggu aktar volontiera għal dawn il-postijiet.

1.10 Bħala partit, qed nipproponu li naraw li dawn id-djar ikollhom post fejn wieħed ikun jista jistudja armat b'dak kollu li hemm bżonn bħal computers addattati ħalli ninkoragixxu li jkomplu jistudjaw.

1.11 Bħala partit, qed nipproponu li noħolqu servizzi fejn ikun hemm persuni li qegħdin hemm biex jisimgħuhom u jgħinuhom bħal Mentors l-aktar għal maz-zgħazagħ Cottonera Resource Centre; Detached Youth Work f'diversi lokalitajiet.

1.12 Bħala partit, qed nipproponu li għaz-zgħazagħ ikun hemm programmi kreattivi fejn jaqsmu l-emozzjonijiet u d-diffikultajiet tagħhom

1.13 Bħala partit, qed nipproponu li l-ambjent fejn jgħixu jista' jkun aktar li jilqagħhom billi jzejnuh huma b'dak li kapaci jagħmlu u jkun jirrifletti lilhom

1.14 Dwar il-konsum tal-energija il-gvern għandu mhux biss jara l-Kontijiet ta' Dawl , ilma u gass li ikunu affordabli, izda li izid l-access għall-energija nadifa b' għajnuna tal-Istat u ppjanar li jzid l-access fil-binjiet.

1.15 Bħala partit, qed nirsistu biex ikun hawn aktar gustizja fi tqassim tar-rizorsi u finanzi, kif ukoll aktar kontrol biex nevitaw abbuz u frodi. hemm bzonn aktar edukazjoni kemm skolastika u kemm fil-valuri umani li bil-mod il-mod qedien jintilfu.

1.16 Hemm bzonn ta' iktar tgħarif dwar x'inhu faqar u il-kundizzjonijiet differenti kif nies jistgħu jsibu ruhom jaqaw fil-faqar, programmi ta taħrig għal xogħlijiet differenti, ngħamlu pressjoni biex il-paga minima tgħollha!

1.17 Bħala partit, qed nipproponu li meta mara tispicca armla, barra li għandha tircievi l-beneficcji immedjatament, il-bank m'għandux għalfejn jagħlaq il-kont tar-ragel temporanju la din armla tkun mzzewga imma għandu jircievi ittra minn nutar biex l-armla tkun tista tigbed il-flus ta zewgha wara l-mewt tieghu.

## 2. Single parents

2.1 Bħala partit, qed nipproponu li jkun hemm mezz kif niccekkjaw fejn il-persuni li huma single parents humiex jingħataw il-beneficcji mill-persuna l-oħra. Ngħinu lil min mhuwiex jingħata.

2.2 Bħala partit, qed nipproponu li noħolqu kampanji jew riklami fejn nuru l-ħsara li ssir meta genituri juzaw lil uliedhom biex ipattuha lil partners

2.3 Punt qawwi li ħareg kien li għandna noffru għajnuna emozzjonali lil single parents fejn jiftħu feriti passati u jaħdmu fuqhom biex ma jaqgħux fi xbieki simili. Hemm persuni li jixtiequ din l-għajnuna imma minħabba persuni fil-familja li għandhom mard, dizabilita etc ma jistgħux jieħdu servizz jekk ikun offrut.kazijiet genwini bħal dawn għandna noffrulhom għajnuna fid-dar. Din tista tkun opportunita ta' xogħol gdid

2.4 Bħala partit, qed nipproponu li noffru korsijiet ta' kif timmaniggja u tqassam il-flus, prioritajiet lil persuni li ma jaħdmux, mhux bilfors ikunu single parents. Nagħtu l-option li jgibu tfal magħhom u jkun hem xi play area fejn joqgħodu waqt il-ħin tal-kors

2.5 Nafu lil-kirjiet tal-propjeta tal-Housing għolew u sahansitra saru ogħla mic-cekkijiet tar-relief. Nemmnu li l-gvern ghandu jgħin aktar fuq dan ħalli kulħadd ikollu saqasf fuq rasu.

2.6 Izjed edukazzjoni u taħriġ għall-ġenituri, 'benefit with a cost'.

# 3. Edukazzjoni

3.1 Fejn tidħol edukazzjoni, aħna nemmnu li aktar zgħazagħ għandhom kemm għandhom zmien, għandhom ikomplu jistudjaw anke waqt li jkunu qed jaħdmu.

3.3 Bħala partit, aħna nemmnu li l-gvern għandu jnaqqas iz-zmien tal-bolla għal dawk li kienu qed jistudjaw. Min kien qed jistudja għal xi Diploma 'il fuq u ma setax jaħdem fi zmien ta' studju, il-gvern għandu jikkunsidrah daqs li kieku qed jaħdem. Din topera għal kulħadd u mhux minn degree 'il fuq. Izda dejjem irridu noqgħodu kawti minħabba xi abbużi għalekk wieħed għandu jsib kompromess fejn jindieka kemm il-perusna trid tagħmel ħin ta' xogħol wara kull ċertifikat.

3.4 Bħala partit, qed nissugerixxu li nbiddlu l-kultura li tezisti fost dawk fil-faqar biex jibdew jirrikonoxxu l-importanza tal-edukazzjoni.

3.5 Bħala partit nipproponu li jkun hemm fondi li jiġu alokkati għal dawk il-familji fejn it-tfal jixtiequ jipprattikaw xi sport iżda ħaba nuqqas ta' flus ma jkunux jistaw jinaqghdu f' xi dixxiplina partikolari.

3.6 Nemmnu ukoll li veru hawn l-għajnuna tal learning support assitants izda biex wieħed jikwalifika għandu bzonn raport psikologiku hawn servizz tal-gvern fejn jista jingħata b xejn. Izda l-'waiting list' hija waħda twila dawk il-persuni li għandhom il-flus jaslu qabel dawk l-istudenti li gej min familja li taqa' taħt il-linja tal-faqar ghax rapport li jsir privat jiswa madwar €300 u jrid jigi repetut kull tant zmien. Dan iwassal ghal snin shah mitlufha ta edukazzjoni fejn il-familja ma tkunx tista tmur privat. Nipproponu li jigu impjegatti iktar nies li jaghmlu l-assisjar fuq it-tfal ghal applikazjoni ta LSA.

3.7 Nipproponu li l-LSA issiru jafu ma min se jkunu min ferm qabel l-ewwel gimgha tal-iskola biex hekk nghattu spazzju li LSA u l-istudent issiru jafu l-xulxin u l-LSA tkun tista tipprepara u taghdatha

ghal bzonnijiet tal-istudent minn qabel mhux l-ewwel gurnata tal-iskola. Gieli jkun hemm drabi li l-istudneti ghal xi raguni ma jaqblux mal- LSA b hekk ikun hemm lok ta tibdiel qabel tibda l-iskola.

3.8 Inħeġġu sabiex il-programmi edukattivi individwali mhux biss isiru b'mod professjonali imma jitwettqu kif suppost u mingħajr tfixkil. Li l-għaqda tal-għalliema u l-koordinaturi tal-programm tkun waħda sħiħa. Nappellaw sabiex issaltan l-għaqda u l-uniformità għall-aħjar tal-istudenti.

# 4. Xogħol

4.1 Fuq il-postijiet tax-xogħol ikun hemm bank tal-leave għal min għandu tfal li jkollhom appuntamenti regolari minghajr ma niżvelaw dettalji(Data Protection Act) u min irid mill-ħaddiema joffri xi sigħat.

4.2 Bħala partit, inħeggu l-gvern u l-imsieħba socjali jkomplu jirsistu biex jitwaqqaf ix-xogħol prekarjat ħalli jonqos il-faqar u b'hekk jitwaqqaf l-abbuz. Għax wara kull ħaddiem, tezisti familja. Nafu li għad baqa kumpaniji li jħaddmu xogħol prekarju.

4.3 Aħna naqblu li għandu jkun hemm tip ta' supplimentari li jingħata mill-gvern għal dawk kollha li għandhom il-paga minima.

# 5. Saħħa

5.1 Bħala partit tal-faqar u gustizzja socjali, nemmnu li l-gvern għandu jkompli jgħin lil certu familji li jinqabdu fix-xibka tal-faqar minħabba xi mard.

5.2 Bħala partit, aħna nemmnu li l-gvern għandu jirsisti biex certu prodotti ta' ikel u certi medicini ma jkunux għola minn ta' UE. U ma jitwaqqfux il-prodott b'xejn tal-UE... Last Minute Economy, jiġifieri prodotti li jkunu waslu biex jagħlqu jinbiegħu bl-irħis... filwaqt li tinżamm il-kwalita tal-prodott

5.3 Hemm bzonn nissugeraw kemm medicina qed jingħataw. Biex ma jingħatawx izzejjed u ma jkunx hawn medicina 'out of stock'

5.4 Bħala partit, aħna nifhmu l-fatt li l-kartuna ir-roża inbiedel il-mod ta' kif tiġġedded għal erba' xhur flok sena biex jitnaqqas l-abbuż. Iżda dan qiegħed jieħu iktar ħin mingħand l-individwi b'hekk nissurgeriexu li tiġi kull sitt xuhur biex persuna flok tinaqala erba' darbiet f'sena tiġi dartbtejn.

## 6. Immigrazzjoni u Multikulturiżmu

6.1 Bħala partit tal-faqar u gustizzja socjali, aħna nemmnu li pajjizna għandu jkompli jgħin lil refugjati izda hemm bzonn li l-Unjoni Ewropeja terfa r-responsabilta' u tgħinnha biex inkunu nistaw naqsmu il-gid ma dawn familji ta immigranti.

6.2 Bħala partit, nemmnu li meta xi ħadd jigi hawnhekk bħala refuġjat , jemigra ħaba xogħol jew jiġi jgħix hawn permanenti, huwa mistenni li jattendi kors qasir fuq il-kultura maltija, u il-ħajja kif ngħixu aħna. Il-kultura tal-inidividwu xorta tkun aċċettata, pero tkun aċċettat biss jek tirrispetta il-liġijiet tal-pajjiz. B'hekk aħna inkunu qed ngħinu lil dawn il-persuni biex jintegraw iktar faċli fis-soċjeta tagħhna. Irridu nikkrejaw sistema fejn aħna ngħinu iżda nirċievu ukoll.

6.3 Bħala partit, nemmnu li għandu jkun hemm aktar programmi edukattivi fuq immigrazzjoni u x'iwassal biex persuna temigra minn pajjiża.

6.4 Irridu inkompl noffru ukoll għajnuniet minn ħaddiema soċjali , psikologi u noffru ukoll xogħol fejn dan tal-aħħar jgħin biex persuna ma tibqax tideppendi mill-istat.

## 7. Nies bi bżonnijiet differenti u xogħol fil-kommunita’

7.1 Bħala partit, nemmnu li għandu jkun hemm kampanji biex in-nies tifhem li persuna b'abbiltajiet differenti għandhom ukoll x'joffru lis-soċjetà ta' madwarhom u bħal kulħadd huma valur miżjud lill-bijodiversità li ddawwarna.

7.2 Bħala partit, nemmnu li għandu jingħata kumpens għal persuni li jaħdmu ma persuni bi bzonnijiet differenti waqt li dawn ikunu fuq xogħol meta jsiru ħruġ li jirrikkjedu li wieħed jaqgħbad tal-linja, imur jiekol ġo xi ħanut, jaqbad il-vapur t’Għawdex jew imur iċ-ċinema u ħafna oħrajn. Dan jista jsir billi jinħolqu cards apposta għal kull min jaħdem fis-settur simili tal-kartuni is-sofor u hekkk ikun hemm skontijiet ridotti bħal min juża l-kard is-safra dan dejjem meta jkun ma persuni bi bzonnijiet differenti biex ma jkunx hemm abbuzi.

7.4 Bħala partit, nemmnu li għandu jingħataw xi *vouchers* f’postijiet partikolari biex jibbenefikaw kemm il-persuna bi bzonnijiet differenti u anke il-persuna li takkumpanja

7.5 Bħala partit, nemmnu li għandu jingħataw suggerimenti ta’ postijiet li jistgħu imorru fejn jiffrankaw xi flus

7.6 Bħala partit, nemmnu li għandu jintbagħat xi dokument id-dar li juri l-postijiet li jaccettaw il-Yellow card

7.7 Aħna nipproponu għal iktar tagħrif dwar dizabilitajiet differenti.

7.8 Inkomplu nħeggu servizzi ta’ assistenti fil-kommunita fejn dawn jgħinu iktar il-persuni b’dizabilita jintegraw fis-socjeta.

7.9 Aħna bħala partit nipproponu li djar residenzjali li għad irridu jifthu għal persuni b'dizabilita għandhom ikunu bi kmamar individwali fejn wieħed ikollu l-privatezza assoluta u wieħed ikun jista jagħmel dak li jixtieq fejn izejjen il-kamra kif jixtieq hu , jekk irrid jisma' muzika u bzonnijiet oħra li wieħed jigi bzonn.

7.10 Ninkoraġġixxu sabiex fl-iżvilupp ta' residenzi ġodda, sew privati kif ukoll soċjali, jinħasbu ammont ta' postijiet mibnija u mgħammra b'faċilitajiet għal tal-apposta biex ikunu jakkomodaw persuni b'diżabbilità.

7.11 Nipproponu li jkun hemm fond fejn ikun jista jingħata għal studju iktar avanzzat lill-ħaddiem li juri interess fih. Nemmnu li meta xi ħadd juri inizzjativa wieħed għandu jingoragieh billi jtih għajnuna kemm dik finanzjarja kif ukoll dik ta leave għal istudju fejn certu setturi dan diga jingħata. Izda tajjeb li jsir iktar promozzjoni għalih.

7.12 Li jkun hemm iktar għarfin dwar l-edukazzjoni sesswali kemm mal-persuni b'dizabilitha u l-membri qrib tagħhom.

7.13 Infaħħru it-tibdiel li qiegħda issir fl-edukazzjoni u li inħolqu programme differenti għal bzonn ta individwi differenti. Madanakollu, minkejja l-entużjażmu li dan jista' jġib miegħu, inħeġġu għall-kawtela. Huwa ta' tqawwieh il-qalb li llum inftaħna għar-realtà li mhux kulħadd jitgħallem l-istess u wessajna l-pedogoġija tat-tagħlim biex nilqgħu iżjed individwi b'ħiliet differenti. Iżda l-ħafna hu ħu n-nieqes, u jekk dawn il-programmi kollha qegħdin jibqgħu jagħtu l-istess riżultati, minkejja t-tibdil u r-riformi, mela f'dak il-każ irridu nieqfu ftit minn din l-ewforija u nidħlu ras imb ras nippruvaw nifhmu x'qed imur żmerċ. F'pajjiż modern, fl-2016, li jkollna persentaġġ sostanzjali ta' persuni li huma

batuti fil-lingwi, fit-tħaddim tan-numri u l-IT hija sitwazzjoni intollerabbli, u nżidu, imbarazzanti għan-nazzjon.

7.14 Hemm bzonn ta iktar riorsi umani u materjali. Il-bżonnijiet qet ikunu diversi. Qet naraw li qet insibu kazijiet ta saħħa socjali u emozzjonali flimkien ma saħha mentali fi tfal żgħar għalkemm kull kullegg għandu is-support team tiegħu dan mhux qet ikun bizejjed. Nemmnu li hemm bzonn ta guidance teacher jew counsellor full time f kull skola primarja għax nemmnu jekk individwi jintlaħqu min eta zgħira hemm cans li nevitaw problemi li jistu jikbru il-quddiem.

7.15 Nagħmlu appell sabiex kulmin jidħol għal dawn id-dmirijiet ikunu persuni ta' integrità, individwi ta' kuxjenza, professjonisti serji, u aġenti tal-bidla; nies li ma jidħlux biex jibbenefikaw mis-sistema, imma għax jemmnu fil-potenzjal tal-klijenti tagħhom. Inutli nivvutaw il-miljuni tal-ewro fi proposti u sistemi ġodda meta l-vera bidla jġibuha l-bnedmin u l-imġibat tagħhom. Nagħfsu fuq il-personalitajiet u l-karattri u l-aptit għax-xogħol.

7.16 Iżda ahna niproponu li f’ certi kazijiet ikun iktar ahjar ghal persuna li jkollha l-ispazju taghha biex titghallem jew tiddeverti ghalekk nipproponu li jkompli jsir aggornament ta centri tar-rizorsi u anke iktar postijiet fejn tfal u zghazagh b’ awtizmu sever fejn ikollhom bzonn postijiet fejn huma jespremu ruhom dawn jistaw ikunu postijiet b kamar addatati fejn wiehed ikun jista jmur minghajr hlas izda permezz ta ibbukkjar.

7.17 Nipproponu li jkun hawn iktar fondi ta ghajnuna, filwaqt zieda tal penzzjonijiet fejn persuni ma jkunux jistaw jahdmu haba dizabilita severa li din tista tkun fizika jew

mentali. Filwaqt iktar ghajnuna mil-gver ghal assistenzi personali fejn persuna b'dizabilita tkun tista tibqa tghix fid-dar taghha permezz ta din l-ghajnuna kontinwa li din qet tigi tiswa lil xi persuni ma € 600 fix-xahar paga filwaqt madwar €300 ohra f ikel kontijiet u uzu ta karma fid-dar meta tkun live in carer. Li dan zgur wiehed ma jistax jafordjah jekk jahdem jew jiehu biss il-pensjoni.

7.18 Inħeġġu ukoll li issir iktar promozzjoni tas-servizzi li qed jigu offruti u ghajnuna biex wiehed japplika.

7.19 Persuna b'dizabilita m'ghandha xejn inqas minn haddiehor qet nipproponu li jkun hawn iktar opportunitajiet ta xoghol ghal dawn il-persuni. Nisħqu bil-kbir ma' min iħaddem biex qabel id-diżabbiltà jew l-inċentivi jara l-individwu u l-potenzjal li jħaddan. Persuni li jmexxu fid-dipartimenti tar-riżorsi umani għandhom ikunu mħarrġin u fuq quddiem f'din il-kompetenza sabiex b'hekk ikunu jistgħu jippjanaw għall-impriża li jmexxu. Nistaw ukoll ninkludu il-kunsilli lokali fejn jistghu joholqu impjiegi bhal skrivani, assistenti fil-librerija u ohrajn imma nemmnu li din m'għandhiex tkun ir-responsabbiltà tal-Istat waħdu u għalhekk is-sehem tal-Industrija u l-entitajiet kummerċjali huwa imperattiv għall-ħolqien ta' soċjetà ġusta u ugwali.

7.20 Nafu kemm hi difficli ghal nies li jbatu b'mard mentali jew dawk li johorgu mill-korrettiva ta' Kordin biex isibu xoghol u jkollhom hajja ahjar fi socjeta. Ghalhekk qed nipproponu li jekk ikollom ghajnuna professonjali ikunu jistaw integraw fis-socjeta imma jekk ikollom skola apposta ghalihom b'nies imhargin li huma kapaci jkkontrollaw is-sitwazjoni ghal jista jinqala ha jgawdu huma wkoll.

## 8. Liġi

8.1 Aħna nipproponu li hekk kif wieħed mill-elementi bażiċ i ghal ħajja komda huwa li persuna jkollha ikel biżejjed biex issostni lilha nnifisha, ikun hemm iktar inforzar biex nelliminaw il-ħela fejn hu possibli. Dan jista' sseħħ kemm billi jingħatgħu inċė ntivi jew multi lill-ħwienet fejn ir-rema tigi projbita u l-ikel jigi mogħti lill-karità. Barra minn hekk, huwa importanti li jsiru iktar kampanji u tagħrif dwar ħela ta' ikel u l-konsegwenzi li jħallu fuq in-natura.

8.2 Skont ir-riċė rka li saret minn Caritas f''A Minimum Essential Budget for a Deċė nt Living' juri li kopja li ghandhom żewgt it-tfal ghandhom bzonn €11,446 fis-sena biex jghidu ħajja komda, iżda għandhom dħul ta' €9,353 bil-benefiċ ji inċ lużi. Il-partit tal-'Faqar u l-Inġustizja Soċ jali' jemmen li hekk kif il-ħajja qed tgħolla għallindividwi, il-paga minima għandha tiġi rrevedut biex jindħoloq kompromess u llivell ta' għejxin jgħolla għal dawn l-individwi.

8.3 Bla ebda dubju, kienet sena fejn indunajna li hemm bzonn ta' iktar inforzar meta jidħlu ligijiet taċ -ċ iklisti. Huwa importanti li nerġgħu nagħtu ħasra lejn ligijiet preżenti, u anke nagħtu iktar importanza għal liġijiet li jiproteġuhom, kemm f'każ ta' aċċ identi u anke riforma tat-toroq Maltin. Huwa importanti li inkomplu nagħtu inċė ntivi u kif ukoll kampanji biex nedukaw in-nies. B'dan il-mod nistgħu wkoll inaqsu l-karozzi fit-toroq u niproteġu n-natura li hija importanti sabiex tagħti hajja ta' kwalità fejn wieħed jghix fl-indafha.

8.4 Ghandu ikun hemm ligi kontra x-xoghol prekarju u favur xoghol decenti.

Ħadu sehem:

Johnny Marmara’ (coordinator)

Matthew Seychell (vici-coordinator)

Martha Maria Falzon (secretary)

Jeremy Cardona

Simon Caruana

Ylenia Marmara’

Sabrina Borg

Gabriel Micallef